MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2014

Numru. 67/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs.**

**Silvio Hili**

Numru: 67/2012

Illum 28 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Dr. Silvio Hili LL.D.**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, bin Michael u Pauline neé Grech, imwieled Victoria, Ghawdex fil-25 ta' Jannar 1971,

residenti fi Flat 1B, Triq Manuel Magro, Marsalforn, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 3371(G), akkuzat talli f'Gunju 2012, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, fil-kapacita' tieghu ta' Nutar Pubbliku, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) ghad-dannu tal-konjugi Joseph Frendo u Maria Dolores Frendo, ta' Joseph Portelli u ta' l-Ajkla Enterprises Limited, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat; liema delitt gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lillu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

2. fl-istess dati, lokalitajiet, circustanzi u kaz, fil-kapacita' tieghu ta' ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor;

3. fl-istess dati, lokalitajiet, cirkustanzi u kaz, ikkommetta tali reati, filwaqt li kien ufficjal jew impjegat pubbliku, b'hekk sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'

esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 8 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 32) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 18 u 138 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 18 u 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 17, 18, 30(1)(a), 31, 140 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet, waqt l-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2012, lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita (*a fol.* 34).

Semghet ix-xiehda tal-iSpettur Ian Abdilla u ta' Spiro Formosa (Rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni) fis-seduta tat-28 t'Awissu 2012.

Semghet, fis-seduti tat-28 ta' Awissu 2012 u tas-26 ta' Frar 2014, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien ragonevoli jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2014, il-kwerelant iddikjara li kien sar il-hlas relattiv mill-imputat u li l-istess kwerelant kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena

**Ikkunsidrat**

Illi, a rigward il-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: fuq naha wahda, in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u l-fatt li l-imputat jezercita l-professjoni ta' nutar u fuq in-naha l-ohra l-ammissjoni tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tieghu (Dok. "IA 2" – *a fol.* 8) (li sa meta kienet giet pprezentata c-citazzjoni kellu fedina penali nadifa), id-dokumenti ezebiti mid-difiza fis-seduta tas-26 ta' Frar 2014 (Dok. "DB 1" u "DB 2") u kif ukoll il-fatt li l-kwerelant iddikjara li kien sar il-hlas relattiv mill-imputat u li l-istess kwerelant kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-8 ta' Ottubru 2012 u senjatament Artikoli 18, 138, 141, 293, 294, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Silvio Hili hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erba' snin millum.

Il-Qorti, wara li rat Artikolu 30(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tiskwalifika lill-imputat milli jezercita l-professjoni ta' nutar ghal hames (5) snin millum u tordna wkoll l-interdizzjoni generali u perpetwa tieghu *ai termini* ta' Artikolu 140 tal-istess Kapitolu 9. Tordna li din l-interdizzjoni tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u ghaldaqstant tordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata lir-Registratur tal-Qorti ghal fini ta' tali pubblikazzjoni.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------